**Minuti tat-tnejn u sebghin laqgha tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

It-72 laqgha tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Hamis 17 ta' Settembru 2015. Il-laqgha bdiet fis-6.15 ta' filghaxija.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu ċ-Chairperson is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Luciano Farrugia u s-Sur Norman Clews. Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat qabel unanimament illi s-Sur Nicholas Azzopardi jkun skużat milli jattendi ghal-laqgha.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tal-71 laqgha ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

Item 3 – Mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti

Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*, il-Kumitat qabel unanimament li jikteb lill-Korporazzjoni Enemalta u jistaqsi dwar l-intenzjonijiet li ghandha l-Korporazzjoni ghall-bini ta' *sub-station* fi Triq Profs JG Baldacchino.

Item 4 – Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat illi s-Sur Mario Bartolo u s-Sur Luciano Farrugia naqsu milli jattendu ghal aktar minn terz tal-laqghat li saru fl-ahhar sitt xhur bejn is-17 ta' Marzu 2015 u t-13 t'Awwissu 2015 u l-Kumitat irid jiddeċiedi jekk l-assenza taghhom kinitx skużabbli jew le. Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat qabel unanimament li l-postijiet tas-Sur Bartolo u tas-Sur Farrugia m'ghandhomx jiġu dikjarati vakanti.

Item 5 - Xogħol tal-Kumitat

Pjan ta' Ħidma 2015 - 2017

Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat approva unanimament il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2015-2017.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Clews qal li fil-15 ta' Settembru, trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni JBS216 fis-6:35 ta' filgħodu, għadda minn Triq San Leonardu u dan ħoloq inkonvenjent għar-residenti peress illi kien qed iġorr materjal li la kien magħluq u wisq anqas mgħotti kif suppost.

Is-Sur Clews talab ukoll li jittieħdu passi mill-amministrattivi ta' Smart City biex jitneħħa d-drapp li tpoġġa mal-*fence* tal-għelieqi speċjalment jekk din mhux ser tintuża mmedjatament u mhux ser jinbeda xogħol ta' kostruzzjoni.

Is-Sur Agius qal li kienet ser issir manutenzjoni ta' marki u sinjali tat-traffiku f'diversi żoni ta' St Peter li kienu ċċaraw jew jeħtieġ jinbidlu.

Dwar ir-*road humps* ta' Triq San Leonardu u Triq Dun Salv Sciberras, iċ-*Chairperson* talab li ssir pressjoni biex dawn issa jiġu approvati u jkunu jistgħu jsiru.

Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, il-Kumitat qabel unanimament li jikteb lill-kappillan u jifraħ lilu u lill-parroċċa għall-fatt illi issa ngħata t-titu ta' Arċipriet wara li l-parroċċa saret Arċipretali.

Fl-aħħarnett, is-Sur Farrugia nnota b'sodisfazzjon li s-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ kif ukoll il-każini politiċi kienu rrikonoxxew lill-Kumitat Amministrattiv u ġew mistiedna fl-attivitajiet soċjali li saru minnhom fi żmien il-festa.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 15 t'Ottubru 2015.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-73 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 15 t' Ottubru 2015.

Mario Bartolo
*Chairperson*